



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11119/24
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0143(NLE)

ASILE 84
JAI 1031
MIGR 279
FRONT 197
COEST 370
SOC 473

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10709/24 + COR 1
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li testendi l-protezzjoni temporanja kif introdotta bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/382 - Dikjarazzjoni mill-Polonja

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness dikjarazzjoni mill-Polonja għall-minuti tal-Coreper u tal-Kunsill.

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

Il-Polonja tappoġġa bis-sħiħ lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha fil-ġlieda tagħhom għall-indipendenza, is-sovranità u biex jiddefendu l-integrità territorjali tal-Ukrajna.

Ninsabu lesti li nkomplu bl-appoġġ sod tagħna għal dawk li ġew imġiegħla jitolqu mill-Ukrajna u jfittxu protezzjoni fl-UE.

Wara l-attakki atroċi ripetuti tar-Russja kontra l-popolazzjoni ċivili u l-infrastruttura ċivili, minkejja l-isforzi kontinwi tagħna biex nipprovdu aktar għajnuna umanitarja u assistenza għall-protezzjoni ċivili, irridu nkunu preparati wkoll biex nappoġġaw lil dawk li għadhom jistgħu jaslu.

Din hija sfida komuni u bħala tali għandha tiġi indirizzata b'solidarjetà u permezz ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, għalhekk il-Polonja tixtieq tesprimi l-gratitudni tagħha lill-Kummissjoni għall-impenn kontinwu tagħha u l-pubblikazzjoni rapida ta' din id-deċiżjoni li testendi aktar il-protezzjoni temporanja.

Filwaqt li nirrikonoxxu li d-deċiżjonijiet tar-refuġjati dwar l-Istat Membru li fih japplikaw għal protezzjoni temporanja huma bbażati fuq ħafna fatturi intrinseci għall-movimenti tan-nies u li jirriżultaw f'li l-Istati Membri jgħorru piżijiet mhux ugwali, nappellaw għal appoġġ finanzjarju adegwat u ġust ta' dawk li jospitaw l-akbar għadd ta' refuġjati.

Filwaqt li nżommu l-libertà tal-moviment fl-UE għar-refuġjati Ukreni rridu nistinkaw biex inkomplu ntejbu u nużaw b'mod effettiv l-għodod li jgħinuna nevitaw kwalunkwe abbuż ta' reġimi ta' protezzjoni temporanja, inkluż permezz ta' reġistrazzjoni doppja.

Il-kisba ta' livell meħtieġ ta' tħejjija titlob ukoll azzjoni aktar deċiżiva tal-UE b'reazzjoni għall-flussi migratorji illegali li jagħmlu pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri u jnaqqsu r-riżorsi tagħhom, spiss mingħajr konnessjoni ma' ħtiġijiet ġenwini ta' protezzjoni. Għal dan l-għan jeħtieġ li nippreżentaw malajr soluzzjonijiet ġodda li jippermettulna nnaqqsu dawn il-flussi u nindirizzaw kif xieraq l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni bħala kwistjoni ta' sigurtà.